MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 557/2009

**David Cauchi (ID 81975M) u**
**Geoffrey Debono (ID 494174M)**

**vs**

**Sammy (ID 28370M) u Bridgitte**
**(ID 132172M) konjugi Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Lulju 2009, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi is-somma ta' tlett elef u tliet mitt Euro (€3,300) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax kummercjali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tlett elef u tliet mitt Euro (€3,300), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

Avukat Ian Spiteri Bailey
*Gudikatur*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------